MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Avviz Numru. 1493/1999/1

**Carmelo u Maria Zerafa**

**vs**

**Franz u Doris Jones**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fl-14 ta’ Ottubru, 1999 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lill-atturi s-somma ta’ erba’ mitt lira (Lm400) prezz ta’ xoghol u materjal relattiv ghall-tikhil u xoghol iehor ta’ gebel li sar fil-fond tal-konvenuti fi Triq l-Gharkux, Zabbar.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-28 ta’ Mejju 1996 u tal-ittra ufficjali tad-29 ta’ Lulju, 1996 u bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuti ma pprezentawx in-nota ta' l-eccezzjonijiet formali, izda fis-seduta tat-22 ta' Novembru 1999 dehru u kkontestaw it-talba.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Novembru 1999 fejn innominat lill-Perit David Pace bhala tekniku sabiex jirrelata dwar it-talbiet ta' l-atturi.

Rat ir-relazzjoni tat-tekniku fuq imsemmi pprezentata fl-20 t'Awissu 2002 u mahlufa fis-6 ta' Frar 2003.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta mill-provi illi l-attur kien gie nkarigat mill-konvenut sabiex jaghmillu diversi xogholijiet fid-dar tieghu "Coolabah" Triq l-Gharkux, Zabbar liema xogholijiet kienu jinkludu tikhil, tibjid u zebgha madwar il-post kollu, tiswija ta' konkos fis-soqfa u tibjid taghhom, kif ukoll kisi li jmur maghhom. Kellu wkoll jaqla' l-madum tal-kamra tal-banju u s-sett u  jwahhal is-sett il-gdid b'xi tibdil strutturali ta' natura zghira bhalma huma l- eghluq u ftuh ta' xi aperturi.

Il-ftehim ta' l-appalt sar bil-fomm u kien ghas-somma ta' tminn mitt lira (Lm800), kollox kompriz u cioe' x-xoghol tal-mano d'opera, pero' kien hemm kontroversja bejn il-partijiet dwar il-materjal kellux jigi provdut mill-attur jew inkella mill-konvenuti. Kif kien miftiehem, l-attur beda jesegwixxi x-xogholijiet, izda jidher illi l-konvenuti ma kienux kuntenti bix-xoghol li kien qieghed isir u ghalhekk zmien minnhom iddecidew li jitterminaw l-appalt u jaghtu x-xoghol lil haddiehor.

Meta sar l-access mill-perit tekniku, jidher illi x-xoghol kien komplut, pero' kien ghad fadal provi bizzejjed sabiex il-perit tekniku jasal ghal konkluzzjoni dwar it-talba ta' l-atturi kif ikkontestata mill-konvenuti. Fil-fatt f'paragrafu 17 tar-relazzjoni l-perit ighid *"fic-cirkostanzi ghalhekk l-esponent huwa aktar dispost li jaccetta l-versjoni tal-konvenut fis-sens illi l-attur ma hadimx ix-xoghol bl-attenzjoni u bir-reqqa sabiex jaghti l-kwalita' ta' xoghol illi kien qed jigi*

*mistenni minnu u li kien appaltat ghalih".* F'paragrafu 19 l-istess perit ikompli *"ghalhekk l-esponenti huwa ta' l-opinjoni illi x-xoghol esegwit mill-attur ma kienx tal-kwalita' tajba bizzejjed u ghalhekk certament mhumiex dovuti erba mitt lira (Lm400) tax-xoghol illi ghamel il-konvenut."*

Madankollu fil-paragrafu konkluzzjonali tieghu l-perit tekniku kkonkluda illi l-atturi kellhom jithallsu ghal xi xoghol zejjed li ghamel l-attur u li ma kienx maqlugh jew mibdul u cioe' l-qlugh tas-sett tal-kamra tal-banju u tal-madum u l-alterazzjonijiet. Ta' dan l-atturi kellhom jithallsu s-somma ta' tmenin lira (Lm80).

Waqt eskussjoni li saret fil-11 ta' Gunju 2003, il-perit tekniku nforma lill-Qorti li huwa ma vvalutax jew ma kkwantifikax xoghol li effettivament ghamel l-attur peress illi t-talba kienet biss limitata kellhux jiehu erba' mitt lira (Lm400) ta' dak ix-xoghol jew le. Mistoqsi biex jikkwantifika x-xoghol illi sar, li seta' ragonevolment jinghad li kien skond l-arti u s-sengha, l-perit ikkonkluda li dan ma kellhux jiswa aktar minn mija u tmenin lira (Lm180). Ghalhekk dan abbinat mat-tmenin lira (Lm80) illi l-perit ikkonkluda li kellu jiehu l-attur, igib ic-cifra dovuta lill-atturi fl-ammont ta' mitejn u sittin lira (Lm260). Ovvjament la si tratta ta' perizja teknika mhux il-kaz li l-Qorti tiddipartixxi minn dawn il-konkluzzjonijiet minghajr raguni valida.

Fil-fatt fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet <u>Benjamin Camilleri noe vs Charles Debattista noe</u> deciza fid-9 ta' Frar 2001 il-Qorti qalet li *"l-opinjoni teknika konfermata bil-gurament minn Perit Tekniku bhal kull prova ohra setghet tigi skartata mill-Qorti. Dan pero' mhux leggerment jew kapriccjozament, imma biss fejn tirrizulta raguni valida mill-atti. Bhala regola hu stabbilit anke mill-gurisprudenza illi l-Qorti ma kellhiex tiskarta u twarrab opinjoni ta' perit tekniku u minnha nominat ghalhiex dik kif inghad tikkostitwixxi element ta' prova mportanti jekk mhux determinanti li kellu jifforma l-gudizzju tal-gudikant".* (ara wkoll <u>Carmel Sciortino vs Helen</u> <u>Camilleri et</u> Appell Inferjuri 31 ta' Lulju, 1996).

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ t-talba ta’ l-atturi limitatament ghas-somma ta’ mitejn u sittin lira (Lm260) prezz ta’ xoghol u materjal relattiv ghall-tikhil u xoghol iehor ta’ gebel li sar fil-fond tal-konvenuti fi Triq l-Gharkux, Zabbar.

Bl-ispejjez li ghandhom jithallsu ugwalment bejn il-partijiet, bl-interessi legali dekorribbli mid-data ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------